MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2011

Citazzjoni Numru. 33/2010

**A-B C**

**-vs-**

**Dr. Renzo Porsella-Flores u P.L. Liliana Buhagiar li b'digriet tas-26 ta' Frar 2010, gew nominati kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-assenti D E C xebba F**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A-B C fejn dan, wara li ppremetta:

Illi l-kontendenti zzewgu nhar it-Tlieta (3) t'Ottubru 2009 (ara l-Att taz-Zwieg hawn anness u mmarkat Dok. 'JJF1').

Illi z-zwieg taghhom jew min minnhom kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-

zwieg, kif ukoll il-kunsens inkiseb mill-kontendenti jew min minnhom bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew wiehed mill-elemetni essenzjali taz-zwieg u dana hekk kif se jipprova l-attur waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

Illi l-kontendenti damu jghixu bhala koppja mizzewga biss ghal madwar sitt (6) ijiem wara li huma ikkontrattaw iz-zwieg taghhom u z-zwieg taghhom ma giex ikkonsmat waqt iz-zwieg taghhom.

Illi ftit wara z-zwieg, il-konvenuta fil-fatt stqarret ukoll mal-attur li hija kkontrattat iz-zwieg mieghu halli hija jkollha garanzija li tista’ tibqa’ Malta u ghalhekk il-kunsens taz-zwieg taghha kien marbut ma’ kondizzjoni li tirreferi ghall-futur.

Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg ghalhekk huwa vizzjat a tenur tal-Artikolu 19(1)(d) u/jew (f) u/jew (g), kif ukoll l-Art. 19A tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi ghalhekk iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Illi l-attur jirrileva illi ghalkemm iz-zwieg tieghu mal-konvenuta dam ftit biss jiem qabel il-firda taghhom ‘de facto’ u billi ma sar xejn ghall-kuntrarju, il-presunzjoni f’ghajn il-ligi hija li hemm il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti u ghalhekk hemm il-htiega f’din il-kawza li jkun hemm xoljiment u likwidazzjoni ta’ tali komunjoni ghalkemm ma jezistu l-ebda assi fl-istess;

Illi l-konvenuta halliet il-gzejjer Maltin u minn dak li jaf l-attur lanqas qieghda f’xi stat membru tal-Unjoni Ewropea;

Illi l-attur gie awtorizzat illi jipprocedi b’din il-kawza skont digriet hawn anness u mmarkat Dok. ‘JJF2’.

Ghaldaqstant, jitlob l-attur sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg bejn il-kontendenti;

Tordna li din in-nullita' tigi rregistrata fuq l-att taz-zwieg relattiv;

Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f'zewg porzjonijiet applikando kontra l-konvenuta s-sanzjonijiet ikkontemplati fil-ligi jekk ikun il-kaz u tassenja wahda lill-attur u l-ohra lill-istess konvenuta, bin-nomina okkorrendo ta' perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma, u okkorrendo ta' Nutar Pubbliku biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirraprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa qieghda tigi ngunta in subizzjoni.

Rat id-digriet tas-26 ta' Frar 2010, li permezz tieghu, gew nominati Dr. Renzo Porsella-Flores u l-P.L. Liliana Buhagiar bhala kuraturi tal-assenti D E C ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti nomine fejn dawn eccepew:

Illi filwaqt li ma jafu xejn fil-fatti li wasslu ghall-kawza, l-esponenti jirrilevaw li t-tielet (3) talba ma tistax tintlaqa' ghax ma tinkwadrax ruhha fil-premessi ta' dikjarazzjoni ta' nullita'; l-awtorizazzjoni Dok. JJF2 kienet wara t-talba li l-attur ghamel biex jiftah kawza ta' firda personali – Dok. A, fi tliet faccati (li t-tielet faccata tieghu hija bhad-Dok. JJF2, esibit mill-attur) – u wara kollox kawza ghal dikjarazzjoni ta' nullita', bil-maqlub ta' dik ta' firda personali, ma tehtieg l-ebda awtorizazzjoni.

Rat l-affidavit.

Rat id-dokumenti prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Jirrizulta li l-partijiet izzewgu wara gherusija, jekk tista' ssejhilha hekk, qasira hafna.

L-attur fl-affidavit tieghu jixhed hekk:

"Nghid illi jiena ltqajt mal-intimata f'Mejju tas-sena 2009. F'Ottubru 2009, ahna zzewwigna hekk kif jindika c-certifikat taz-zwieg gja' mressaq minni f'din il-kawza;

Irrid nghid li jiena qajla kont naf lill-intimata u hafna nies madwari kienu qaluli li kont qed nghaggel, izda jien bqajt ghaddej u zzewwigt;

Illi sakemm damet hawn, l-intimata kienet dejjem mohhha li kienu se jkeccuha mill-pajjiz u kienet din-ir-raguni ghalfejn jiena zzewwigtha halli nserrhilha rasha minn dan;

Nammetti li jiena ghaggilt, zbaljajt u zzewwigt persuna li jiena lanqas biss kont nafha;

Precizament wara li zzewwigna, ahna morna noqoghdu gewwa d-dar li jiena gja' kelli minn qabel iz-zwieg. Kollox mar ghall-aghar mill-ghada. L-intimata saret vjolenti, bdiet tixrob il-hin kollu, bdiet theddidni sahansitra fizikament tant li jiena mort naghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal Qormi u anke ammettiet mieghi li hija zzewgitni halli tkun tista' wara z-zwieg titlaq wahedha lejn ir-Renju Unit minghajr ebda xkiel min-naha tal-awtoritajiet u tistabilixxi ruhha hemmhekk;

Ghalhekk jiena nghid li dan iz-zwieg qatt ma kien ghaliex l-intimata qatt ma riedet tizzewwigni. Kull ma riedet hu li tibqa' f'pajjizi dak iz-zmien;

Jiena zbaljajt, forsi anke minhabba l-fatt li llum ghandi l-eta' ta' tmienja u tletin [38] sena u kont ghadni ma sibtx siehba ghaz-zwieg;

Ahna ghamilna b'kollox sitt ijiem flimkien. F'dawn is-sitt ijiem, ahna ma kellna l-ebda kuntatt sesswali bejnietna. Anzi nghid, glied biss!;

Wara dawn is-sitt ijiem bla kliem u bla sliem, l-intimata kienet qaltli halli nhallsilha l-passagg biex titlaq minn Malta. Il-passagg tal-ajru li jiena hallastilha kien ghar-Russja. Jiena ma nafx fejn din precizament marret u m'ergajtx smajt b'ahbarha;

Nghid illi jiena, f'din il-kawza, ghalhekk qed nitlob l-annullament civili, izda qed nitlob ukoll ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti. Fil-komunjoni tal-akkwisti, wara z-zwieg, nista' nghid li ma sar xejn u ghalhekk nista' nghid li fil-komunjoni m'hemm xejn."

Il-Qorti m'ghandha ebda dubju li dan kien kaz klassiku ta' zwieg ta' konvenjenza.

F'din il-kawza, l-attur qed jitlob ukoll lil din il-Qorti tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti, tillikwidaha u taqsamha. Il-kuraturi, ghar-rigward ta' din it-talba, isostni illi tali talba ma tistax tintlaqa' billi ma tinkwadrax ruhha fil-premessi tal-kawza li essenzjalment huma dawk ta' nullita'.  Il-kuraturi jsostnu li l-attur ittenta jressaq zewg kawzi f'kawza wahda.

Din il-Qorti hi tal-fehma li l-attur ma kellux jitlob ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti f'kawza fejn qed jitlob dikjarazzjoni ta' nullita'. In sostenn mat-tezi tieghu, l-attur isemmi tlett sentenzi ta' dawn il-Qrati, li madanakollu, il-Qorti tqis li jirreferu ghal cirkostanzi ben diversi stante li fihom kollha giet eccepita n-nullita' tal-att promotur.

Il-Qorti tqis ukoll illi talba ghax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti hija konsegwenzjali ghall-firda bejn il-partijiet u l-premessi tal-kawza kif imressqa ma jistendux ghal din il-kawzali.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa' l-ewwel zewg talbiet tal-attur u tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-partijiet fit-3 ta' Ottubru 2009 huwa null u bla effett.

Tichad it-tielet talba.

L-ispejjez jithallsu mill-konvenuta b'dana illi provvizorjament l-ispejjez tal-kuraturi jithallsu mill-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------